# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 13 ta' Frar 2002**

**Avviz.  numru 624/94**

**Numru 18**

**Carmelo Vassallo**

**vs**

**Luqa Bezzina u Dwardina Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur is-somma ta' mija u sittin lira (Lm160) ghas-servizzi minnu moghtija fl-okkazzjoni tal-bejgh tal-mezzanin fi St Peter Street, Mgarr, Malta.  Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 1994.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (a fol 2 tal-atti) li biha ecceppew:

1. Preliminarjament il-gudizzju ma hux integru peress illi l-konvenuti qua vendituri kellhom sehem ta' nofs indiviz biss fuq il-proprjeta li nbieghet.

2. Illi fit-tieni lok, t-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu peress illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li n-negozju gie konkluz mhux bis-sahha ta' xi intervent da parti tieghu.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjes kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 44 u 46 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 14 et seq ibid) spejga li wara li kien sar jaf li l-post in kwistjoni kien ghall-bejgh, hu kien tkellem mat-tfal tas-sid li informah li l-prezz mitlub kien Lm16,000. Inoltre hu informhom li kien hemm persuna ossija Mary Pullin, li kienet interessata sabiex takkwista l-istess post. Ghalhekk hu kien ha lil din sabiex tarah u effettivament kien ghogobha. Inoltre kien intlahaq ftehim fuq il-prezz bejn il-partijiet

involuti, kif hemm fuq specifikat. Sussegwentement, hu kien presenti meta gie ffirmat il-konvenju. Pero meta hu kien sostna li kellu d-dritt ghal hlas ta' senserija, il-konvenuta kienet bdiet tghajjat u qalet li ma rieditx thallas lill-attur, is-senserija pretiza minnu. Wara li ghaddew madwar sitt xhur mill-konvenju, kien sar il-kuntratt finali fl-assenza tieghu stante li ma kienx gie informat dwar dan. Ghalhekk il-konvenuti ma kienux hallsuh is-senserija pretiza minnu.

In rigward il-premess, l-attur ippreciza li l-konvenuti kienu proprjetarji ta' <u>nofs indiviz</u> bin-nofs l-iehor jappartjeni lit-"tfal tas-sid" li maghhom kien irranga dwar is-senserija dovuta lilu "ghalkemm mhux kollha hallsuni".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a fol 24 u 25 tal-atti hemm verbalizzat x'kien l-ezitu tal-kawza intavolata mill-attur kontra l-imsemmija Mary Pullin. Pero jigi notat li qatt ma giet prezentata kopja legali tas-sentenza relattiva.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenuta (a fol 19 u fol 38 et seq ibid) spjegat li l-post in kwistjoni kien jappartjeni lilha f'nofs indiviz u li ma kienetx dovuta senserija lill-attur ghar-ragunijiet kif esposti minnha fix-xhieda taghha.

Ikkunsidrat

Illi pero' ma hemm ebda dubbju li l-attur ippartecipa attivament, sabiex javvicina lill-konvenuti is-sidien l-ohrajn u Mary Pullin jew Pollin in konnessjoni mal-akkwist tal-post in kwistjoni da parti ta' din oltre li jidher li kien strummentali sabiex jintahaq ftehim bejn il-partijiet kollha involuti fl-istess bejgh u jsir il-konvenju relattiv. Pero inghad ukoll li l-konvenuta kienet propjetarja ta' nofs indiviz tal-istess post. Ghalhekk l-attur ghandu d-dritt li jippretendi l-hlas, bhala senserija, minghand l-istess konvenuta ta' nofs l-ammont imsemmi fl-avviz cjoe Lm80.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talba attrici limitatament kif inghad u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm80 bl-imghax legali mid-data tallum stess sa dik tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes ta' dawn il-proceduri, dawn jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-partijiet.

Alan Calleja
Deputat Registratur